**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Portelli)**

**- vs -**

**Dr Michael Caruana LL.D.**

Illum 13 ta' Lulju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Dr Michael Caruana LL.D. ta' 42 sena iben Joseph u Josephine nee` Debrincat imwieled Victoria, Ghawdex fit-23 ta' Mejju 1958 u li joqghod 59, Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex (Karta ta' l-Identita Nru 27058 G) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-perjodu ta' bejn l-1994 u l-1999, f'hinijiet differenti, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi Awtorita` Pubblika u cioe` d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 188 tal-Kap 9;

2. Akkuzat ukoll talli b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, u cioe` mill-Gvern ta' Malta, dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Lulju 2000 skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja;

Rat illi l-prosekuzzjoni fil-mori tal-kawza rtirat l-akkuza;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur